**KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA**
**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**
**TEL: 2168 0622**
**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**
**WEBSITE: www.mqabba.gov.mt / www.lc.gov.mt**

Minuti tas-seduta numru (88) tmienja u tmenin tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba, (KLM) li nżammet nhar it-Tnejn 8 ta' Jannar 2018 fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill fis-6.00pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Dr Charlene Muscat | Sindku |
| | Grace Marie Mallia | Viċi Sindku |
| | Anita Farrugia | Kunsillier |
| | Michel Farrugia | Kunsillier |
| | Nikolai Farrugia | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużat: | Paul Spiteri | Kunsillier |

Is-Sindku ppresediet il-laqgħa u qalet it-talba.

Il-mikrofoni inxtgħelu fis-6.29pm sakemm saru l-korrezzjonijiet tal-minuti.

88.01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

Ma' kienx hemm, madankollu l-KLM skuża lill-kunsillier Paul Spiteri. Fil-każ tal-kunsillier Michel Farrugia, iċ-ċertifikati tal-mard għadhom ma kienux preżentati.

88.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

Il-minuti tpoġġew għal vot minn Dr Charlene Muscat u kienu ssekondati minn Grace Marie Mallia u approvati unanimament b'xi korrezzjonijiet.

88.03 Komunikazzjoni mis-Sindku;

88.03.01 Dr Charlene Muscat qalet illi għad għandna pendenti l-kwistjoni tat-trakkijiet li qed jgħaddu minn Triq Valletta. Is-Sindku qalet illi dan il-każ wasal s'għand il-Prim Ministru u aħna għadna qed nistennew direzzjoni minn naħa tal-Ministru Jose' Herrera dwar il-proposta tagħna li t-trakkijiet jgħaddu mill-periferija tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta.

88.03.02 Is-Sindku qalet illi intbgħatu *reminder* tal-ittri li kien bagħat il-KLM lill-Awtorita' tal-Artijiet minbarra l-ittra tat-12 Settembru 2017.

88.03.03 Kien deċiż illi tiġi msejħa laqgħa mal-uffiċjali tal-każin tal-futbol minħabba li dawn inbarraw il-bankina b'tali mod illi qed jostakolaw l-aċċess għall-bankina.

88.03.04 Dwar id-drink li għamel il-KLM il-Ħadd 7 ta' Jannar 2018 għall-għaqdiet, intqal illi għal sena oħra irridu nemendaw l-invit b'tali mod illi bih inkunu qed nistiednu lill-mistednin għal quddiesa fl-10.00am wkoll minbarra d-drink fil-11.00am fl-Isptar il-Qadim.

88.03.05 Charlene Muscat qalet illi ir-*Rock Mass* kienet suċċess.

Hawn issemmiet il-proposta li ħarġet mill-laqgħa tas-Sindki fejn intqal illi permezz ta' SMS wieħed jista' jkun jaf l-avviżi tal-KLM. Fil-każ tar-*Rock Mass* dan il-messaġġ seta' jintbgħat is-Sibt filgħodu bi preparazzjoni għall-Ħadd. Infatti kien deċiż illi fil-ħarġa tal-fuljett li jmiss, isir avviż biex il-pubbliku jkun jista' jimla' formula u permezz tagħha l-KLM ikollu d-dettalji tar-residenti u l-permess tagħhom biex jibgħat dawn l-SMSs.

88.05 Estimi Finanzjarji 2018;

Il-laqgħa pubblika se tinżamm nhar it-22 ta' Jannar 2018 fis-6.30pm fil-librerija tal-iskola, qabel ma jkunu approvati l-Estimi Ġenerali tal-2018.

88.04 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

88.04.01 Grace Marie Mallia qalet illi għandna nħallu in-*notice boards updated* billi jitneħħew avviżi ta' attivitajiet li diġa' saru bħal dak tal-Party tat-Tfal li nżamm nhar is-Sibt 30 ta' Diċembru 2017.

88.04.02 Grace Marie Mallia staqsiet jekk għandniex stima sabiex tkun kostruwita il-bankina mal-faċċata tad-djar ta' Misraħ il-Missjoni ż-Żgħira. Se naraw illi nġibu wkoll l-istima miktuba minn għand l-Elle's Urban Services għal blokki tal-konkos li magħhom irid jintrabat il-makkinarju tal-*gym* filwaqt li s-Sindku qalet illi għandu jkun involut il-Perit William Lewis sabiex ma jkollniex problemi mal-Awtorita' tal-Ippjanar meta tkun qed titneħħa l-ħamrija. Is-SE qal illi rridu wkoll ninvolvu l-perit biex japplikalna għar-restawr tal-Ħajt tal-Matla għax mingħajr permess dwar il-*method statement*, żgur li se niġu miżmuma milli nipproċedu.

88.04.03 Is-Sindku qalet illi għandna inneħħu l-*hedge* li hemm fuq ġewwa tal-ġnien ta' Misraħ il-Missjoni ż-Żgħira.

88.04.04 Wara diskussjoni fit-tul intlaħaq ftehim sabiex din (il-kaxxa tal-ħwejjeġ) li tinsab viċin il-KLM titpoġġa fi Triq Ħal Kirkop viċin il-bring in site.

88.06 Il-proġett tal-Pjazza tal-Knisja;

Is-Sindku tat tagħrif dwar il-proġett tal-Pjazza tal-Knisja li ħareġ mil-laqgħa li kellhom hi u s-SE mas-Segretarju Permanenti fl-Uffiċċju tal-Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali fil-preżenza tal-każini tal-banda.

88.07 Il-*performance bonus* tal-impjegati;

Tressaq għal vot il-*performance bonus* tal-impjegati. Is-Sindku qalet illi l-inizjattiva kienet 'lacking' minkejja li l-impjegati jafu x-xogħol tajjeb. Intqal illi kien hemm ilmenti illi mhux jinżammu l-ħinijiet tal-ftuħ tal-librerija u wkoll dak tal-uffiċċju nhar ta' Sibt. Issemmew ukoll problemi oħra bħall-istat li fih qed jinżamm l-uffiċċju, minkejja li kienet inġibdet l-attenzjoni biex dan jiġi żbarazzat, tenut kont tal-fatt li fih nilqgħu lill-pubbliku, u l-inċident tal-*Christmas Market,* fost l-oħrajn. Is-SE irrakkomanda li jingħata l-massimu għaliex il-KLM kien ċaħad talba ta' Valerie Galea biex titla' fi Skala ta' Assistant Principal u oħra ta' Kylie Fenech biex titla' minn Skala 15 għal Skala 13. Is-Sindku ppreċiżat illi dan mhux l-iskop tal-*performance bonus* u l-KLM iddeċieda li jagħti 5% lil Valerie Galea u 'l Kylie Fenech minflok il-massimu ta' 6% bil-għan li jasal il-messaġġ li l-KLM mhux 100% kuntent bix-xogħol tal-impjegati. Fil-każ tal-*appraisal* tas-SE dan se jsir mis-Sindku fil-jiem li ġejjin. Is-SE qal illi wara li jkun approvat il-persentaġġ mill-KLM dan ikun jista' jiġi rilaxxat wara li jerġa' jgħaddi mill-iskrutinju tal-Dipartiment Gvern Lokali.

88.08 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

Kienet approvata l-iskeda tal-pagamenti numru 541 minbarra items 11, 16 u 28.

Grace Marie Mallia ipproponiet illi l-KLM jorganizza Buffet Breakfast nhar l-20 ta' Frar 2017 ġewwa lukanda ewlenija.

88.09 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss;

Il-laqgħa li jmiss se tinżamm nhar it-30 ta' Jannar 2018 fis-6.00pm filwaqt li din il-laqgħa ntemmet fit-20.15pm.

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 30.1.18 minn Dr Charlene Muscat

Segretarju Eżekuttiv Sindku